MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 237/2012

**Joseph Bonello**
**ID No.473054-(M)**

**vs**

**V. Attard (Works) Limited**
**C-33136**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi s-socjeta’ konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ elf mija u tlettax-il ewro u tmienja u tletin centezmu (€1,113.38c), inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, dovuti mis-socjeta’ konvenuta lill-attur, u rapprezentanti din is-somma prezz ghal xoghol maghmul, servizzi rezi u *parts* suppliti lill-istess socjeta’ konvenuta, skond il-fatturi relattivi bin-numri 12379, 12622 u 12863.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra gudizzjarja datata 5 ta’ Novembru, 2010 (riferenza numru 3930/2010) u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data ‘lli tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta ‘lli tinsab ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta, li permezz taghha eccepiet (i) illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta a ternut ta’ l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili; (ii) illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, il-kreditu pretiz mill-attur mhux dovut. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur, li huwa ngunt in subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi din is-sentenza tittratta unikament dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Illi in forza ta’ din l-azzjoni l-attur qed jitlob hlas minghand is-socjeta’ konvenuta tas-somma ta’ elf mija u tlettax-il ewro u tmienja u tletin centezmu (€1,113.38c) li jirraprezentaw il-valur ta’ tliet-(3) fatturi relattivi ghal xoghol ta’ tiswija ta’ pompi tad-diesel li gie mwettaq mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta. Illi l-attur iddikjara illi nhargu tliet-(3) fatturi, l-ewwel wahda datata 13 ta’ Marzu, 2008 ghal xoghol ta’ tiswija li sar fit-3 ta’ Marzu, 2008, bin-numru ta’ referenza 12379, ghall-valur ta’ tliet mija tmienja u erbghin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€348.72c); it-tieni wahda hija datata 12 ta’ Mejju, 2009 ghal xoghol li sar fis-6 ta’ Mejju, 2009, bin-numru ta’ referenza 12622 ghall-valur ta’ mitejn tlieta u sebghin ewro u erbgha u sittin centezmu (€273.64c); u t-tielet wahda hija datata 20 ta’ Lulju, 2010, bin-numru ta’ referenza 12863, ghall-valur ta’ erba’ mija wiehed u

disghin ewro u zewg centezmi (€491.02c). Illi din it-tiswija ta' pompi saret fi tliet-(3) okkazjonijiet separati fuq tliet-(3) vetturi deifferenti.

Illi l-attur iddikjara illi kien avvicina lil Kevin Attard, li mieghu kien jittratta ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, u fakkru sabiex jiehu hsieb iwettaq il-hlas ta' dawn l-ammonti. Illi dan, da parti tieghu ta lill-attur tliet-(3) cheques, li wiehed minnhom huwa datat 24 ta' Lulju, 2010 fl-ammont ta' erba' mija sitta u hamsin ewro u wiehed u disghin centezmu (€456.91c), u zewg cheques ohra datati t-tnejn 30 ta' Lulju, 2010, wiehed fl-ammont ta' erba' mija u disghin ewro (€490.00) u l-iehor ta' mija hamsa u sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€165.45c). Illi kien l-istess Kevin Attard li ddecida li jkunu datatati b'dan il-mod u li l-ammonti jitqassmu b'dan il-mod. Illi meta l-attur ipprova jsarrafhom il-Bank, dawn ic-cheques ma gewx onorati, u l-attur minnufih gharraf lil Kevin Attard dwar dan. Dan, min-naha tieghu, rega' kkonsenja cheque iehor a favur l-attur, din id-darba fl-ammont ta' tliet mitt ewro (€300) datat 3 ta' Awissu, 2010, izda dan ukoll ma ssarafx u gie ritornat lill-attur b' istruzzjonijiet *refer to drawer*.

Illi l-attur, in segwitu ghal dan il-fatt, mar l-Ghassa tal-Pulizija u ghamel rapport, u l-Ufficjal tal-Pulizija ma' min sar ir-rapport ikkomunika ma' Kevin Attard, li ddikjara mieghu li kien ser jaccerta li l-hlas ser jigi mwettaq. Illi minkejja f'dan, il-hlas baqa' ma sarx.

Illi Kevin Attard iddikjara illi hu kien direttur tas-socjeta' konvenuta, izda rrizenja minn din il-kariga f'Novembru 2010, u llum il-gurnata ma fadallu ebda konnessjoni ma' din is-socjeta' kummercjali. Iddikjara illi mill-10 ta' Settembru, 2010 'l hawn, u cioe' minn meta kkomunika mieghu l-Ufficjal tal-Pulizija, ma kien hemm ebda kuntatt mal-attur. Illi mistoqsi jikkonferma li x-xoghol li dwaru nhargu l-fatturi mill-attur giex fil-fatt imwettaq mill-attur, jghid li dan ix-xoghol sar, madanakollu, ma jafx u mhux f'posizzjoni li jwiegeb dwar jekk l-attur thallasx ghal dan ix-xoghol, ghaliex hu ma baqax involut fil-gestjoni tas-socjeta' konvenuta, u dan minkejja l-fatt illi l-fatturi jittrattaw dwar xoghol li sar fi zmien meta kien ghadu

direttur ta' din il-kumpanija. Hu jiddikjara li jgharaf il-firma fuq ic-cheque *images* li gew ipprezentati bhala dik ta' missieru, u kkonferma wkoll li kien hu li ghaddihom lill-attur, u dan fuq struzzjonijiet li kien ircieva. Illi jsostni illi c-cheques ma gewx iffirmati minnu, u ma jafx jekk gewx onorati mill-bank, ghaliex ma kienx involut fl-accounts.

Illi Vincent Attard, id-direttur tas-socjeta' konvenuta, iddikjara illi ibnu Kevin Attard – li llum il-gurnata ma fadallu ebda konnessjoni mas-socjeta' konvenuta – kien gharrfu illi l-attur kien irendi servizzi lis-socjeta' attrici, in kwantu kien jaghmel xoghol ta' tiswija fil-pompi tad-diesel ta' vetturi tas-socjeta' konvenuta; iddikjara wkoll illi hu personalment lill-attur ma jafux. Illi dwar ix-xoghol ta' tiswija li sar mill-attur ma jafx f'hix kien jikkonsisti, ghaliex kien jiehu hsieb dawn l-affarijiet ibnu Kevin Attard. Illi mistoqsi jafx x'inhi l-posizzjoni tas-socjeta' konvenuta mal-attur dwar xogholijiet li kienu saru mill-istess attur, iddikjara illi jista' jkun li ghad hemm xi ammonti li ma thallsux, madanakollu ma setax jikkonferma illi l-ammonti rizultanti mill-fatturi pprezentati mill-attur kienu ghadhom pendenti u dovuti. Illi dwar ic-cheque *images* li jinsabu in atti, kkonferma illi l-firma fuqhom hija tieghu, izda ma setax jghid in rigward liema fatturi nhargu, ghaliex hu kien semplicement jiffirma c-cheques u kien ikun haddiehor li kien jippreparahomlu.

Ikkunsidra,

Illi in rigward l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni, u dan in bazi tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili, dan jipprovdi terminu preskrittiv ta' tmintax (18)-il xahar. Illi mill-atti jirrizulta li x-xoghol li gie mwettaq mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta sar fit-3 ta' Marzu, 2008, 6 ta' Mejju, 2009 u 20 ta' Lulju, 2010, filwaqt illi din l-azzjoni giet proposta fis-16 ta' Marzu, 2012. Illi ghalkemm l-attur bghat ittra interpellatorja lis-socjeta' konvenuta datata 1 ta' Ottubru, 2010 (a fol.33), jidher illi ma gie ntavolat ebda att gudizzjarju fil-konfront tas-socjeta' konvenuta salv ghal din l-azzjoni.

Illi mix-xhieda li nghatat minn Kevin Attard u d-direttur tas-socjeta' konvenuta, ma jidhirx illi qed jikkontestaw illi l-attur wettaq ix-xoghol li dwaru hargu l-fatturi; izda z-zewg persuni msemmija ma kkommettewx ruhhom dwar jekk giex imwettaq il-hlas, jew le. Filwaqt illi Kevin Attard iddikjara li ma jafx jekk thallsux dawn il-fatturi, ghaliex ma baqax involut fil-gestjoni tas-socjeta' konvenuta, id-direttur attwali tas-socjeta' konvenuta ma eskludix illi dawn jista' jkun li ghadhom dovuti.

Illi lanqas ma gie kkontestat mis-socjeta' konvenuta illi c-cheques, li kopja taghhom tinsab in atti, inhargu minn persuna awtorizzat li jirrilaxxjom ghan-nom taghha, u lanqas ma tressqet ebda prova minnhom sabiex juru illi dawk id-debiti li ghalihom inhargu c-cheques, gew saldati permezz ta' xi pagamenti ohra. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-ammonti rizultanti mic-cheques ma jaqblux mal-fatturi, li in bazi taghhom saret din l-azzjoni, madanakollu, mghaduda flimkien it-tliet-(3) cheques inizjali, il-valur kumplessiv taghhom huwa qrib hafna ta' dak mitlub f'din l-azzjoni, u d-diskrepanza hija wahda minima hafna.

Illi kif gie dikjarat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Mary Rose Tabone nee Stellini vs Silvio Vassallo pro et noe et** (618/2000) deciza fl-24 ta' Marzu, 2004; "... *hu oramai saldament pacifiku illi hekk kif tigi eccepita l-preskrizzjoni, in kwantu din timporta presunzjoni ta' pagament, il-pretiz kreditur jista' jikkumbattiha b'diversi modi. Jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi mezz iehor permess mil-ligi, cjoe, l-inamissibilita' ta' dik il-preskrizzjoni, u l-inapplikabilita' taghha, jew l-interruzzjoni jew is-sospensjoni taghha (Kollez. Vol XXVIII pI p93; Vol XXXVII pII p26). Issokta jigi osservat ukoll illi "jekk id-debitur jirrikonoxxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita' kollha dovuta, u jista' jirrigwarda kreditu illikwidu (Kollez. Vol. XLIII pII p744; Vol XLV pII p632).*"

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Austin Psaila vs Lother Slabick**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2005

gie dikjarat illi: "*Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta', tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita', dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att.*"

Illi kif gie ritenut mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Camilleri noe vs Anthony Scicluna pro et noe** (1865/1996) deciza fit-28 ta' Jannar, 2004; "... *ma ghandux ikun dubitat illi l-emissjoni tac-cheque jissarraf f'rikonoxximent car, esplicitu u inkondizzjonat tad-debitu. Rikonoxximent li kapaci jinterrompi l-preskrizzjoni eccepita. ... huwa innegabbli illi bil-fatt tal-hrug tac-cheque, anke jekk dan baqa' ghal ragunijiet ohra, ma ssarrafx, dan kien jammonta ghal manifestazzjoni cara ta' konvenzjoni vera u proprja li biha l-konvenut ... kien qed jistqarr li huwa debitur versu s-socjeta' attrici, f'liema kaz issir applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali (Kollez. Vol. XXXIII pI p142).*"

Illi applikat dan l-insenjament ghal kaz in ezami, it-Tribunal huwa tal-fehma illi permezz tac-cheques li nhargu mis-socjeta' konvenuta lill-attur, l-ahhar wiehed fosthom datat Awissu 2010, l-istess socjeta' attrici rrikonoxxiet id-debitu li kellha mal-attur. Illi l-fatt illi l-valur tac-cheques ma jikkombacjax mal-valur rizultanti mill-fatturi, ghalkemm jista' possibilment johloq ftit tad-dubju dwar jekk il-pagamenti in kwistjoni kienux jittrattaw specifikament dwar il-fatturi mertu ta' din il-kawza, madanakollu, mhux dubju daqstant gravi li jwassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinciment illi dawn ic-cheques setghu kienu relattivi ghal xi fatturi ohra, ghaliex ai fine dei conti, id-direttur tas-socjeta' konvenuta u x-xhud imressaq minnu fl-ebda waqt ma qajjmu xi allegazzjoni f'dan ir-rigward, u lanqas ma giet b'xi mod kontradetta d-deposizzjoni tal-attur illi dawn ic-cheques specifici nghataw lill-attur minn Kevin Attard sabiex jigi saldat id-debitu rizultanti mill-fatturi mertu ta' din il-kawza.

Illi ghalhekk, in bazi tal-hrug ta' dawn ic-cheques, li ma ssarrfux, u in bazi tad-deposizzjoni tad-direttur tas-socjeta'

konvenuta li ma setax jeskludi illi l-ammont rizultanti minn dawn il-fatturi kien ghadu ma thallasx, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-preskrizzjoni giet debitament interrotta in bazi ta' rikonoxximent tad-debitu, u ghalhekk b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikolu 2151 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu japplika se mai terminu preskrittiv kwinkwennali mid-data tal-ahhar cheque. Illi jsegwi ghalhekk illi l-azzjoni m'hix preskritta u din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza fil-mertu.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------